MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 280/2006

**Il-Pulizija**
**v.**
**Peter Agius**
**Anthony Galea**
**Peter Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmijin Peter Agius, Anthony Galea u Peter Azzopardi talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar-id 9 ta' Lulju 2003 u fil-granet ta' qabel, fil-fond Flames Bar and Restaurant sitwat fil-Marsa, vicin il-korsa taz-zwiemel, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghall-flus jew valur ta' flus; jew ippermetew l-uzu ta' xi post ghal, jew inkoraggixxew, dik

il-loghba; jew xjentement zammew lil xi ufficjal tal-pulizija, li jkun awtorizzat skond il-ligi li jidhol gewwa xi post suspettat li jkun qed jigi uzat bhala dar tal-loghob, milli jidhol f'dak il-post jew xi parti minnu, jew impedixxew jew dewwmu lil xi ufficjal milli hekk jidhol, jew, permezz ta' xi stanga, zbarra, jew xi mezz iehor, ghalqu ghal kollox b'mod sigur xi bieb ta' barra jew ta' gewwa jew mezz ta' dhul ghal dak il-post, jew inkella uzaw xi mezz jew invenzjoni lit kun, bil-ghan li jzomm, jimpedixxi jew idewwem id-dhul ta' dak l-ufficjal gewwa xi post bhal dak jew f'xi parti minnu; jew ghalkemm ma kinux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghba illegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik; jew li kienu prezenti fil-waqt li kienet qieghda ssir xi loghba bhal dik, u dan bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Peter Agius wahdu talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fl-1 ta' Novembru 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Lulju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Peter Agius, Anthony Galea u Peter Azzopardi hatja ta' l-imputazzjonijet dedotti u minnhom illiberathom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta' Awissu 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat il-pregudizzjali sollevati mid-difensur ta' l-appellati (1) illi r-rikors ta' appell huwa rritu u null stante illi huwa bazat fuq aggravju li jikkoncerna l-legislazzjoni dwar jekk *racecourse betting* huwiex illegali jew le. L-appellati pero` gew illiberati kemm fuq dan il-punt li fuqu hemm aggravju kif ukoll peress li l-ewwel Qorti sostniet li kienet mankanti l-prova tal-licenzja. Fit-talba maghmula fir-rikors ta' appell hemm ghalhekk talba ghar-revoka tas-sentenza meta f'ebda parti minnu m'hemm aggravju mressaq mill-Avukat Generali dwar il-kwistjoni tal-licenzja; (2) is-sentenza hi inappellabbli mill-Avukat Generali stante li l-ewwel Qorti

ghamlet semplici applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti, u dan ma jammontax ghad-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Bhalma jirrizulta mir-rikors ta' appell, l-Avukat Generali qieghed jappella fuq il-bazi li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. L-appellant jghid illi l-aggravju tieghu jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ghamlet osservazzjonijiet li kienu skorretti legalment. U jispjega: "Ghalkemm ir-*racecourse betting* fil-Lotteries and Other Games, Kapitolu 438, ma hemm ebda ligi li tikkontrolla l-loghob ta' tlielaq fil-Foss maghmula permezz ta' satellita. Madankollu, il-loghob ta' tlielaq fil-korsi maghmula permezz ta' satellita jibqa' reat kriminali, u jaqa' taht id-definizzjoni ta' loghob ta' sogru ghax jiddependi fuq il-fortuna, u ma hemm l-ebda abilita` fil-loghob biex tirbah."

L-appellati gew akkuzati bi ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kap. 400 li jikkontempla diversi sitwazzjonijiet alternattivi. F'kull kaz, pero` wiehed mill-ingredjenti tar-reat huwa li l-loghob ta' sogru jkun qieghed isir "gewwa xi fond li ma jkollux licenza". F'dan il-kaz, il-provi prodotti kienu jirrigwardaw allegat loghob ta' sogru li kien qieghed isir fil-Flames Bar, il-Marsa.

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-provi, spjegat x'inhuma l-elementi li l-prosekuzzjoni kellha tipprova sabiex jissussisti r-reat addebitat lill-appellati, irreferiet ghax-xiehda l-aktar rilevanti, u cioe` dik ta' Philip Agius, *control officer* fil-*Gaming Authority*, u ghamlet l-apprezzament taghha ta' dik ix-xiehda billi kkonkludiet:

**"Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dak li kienu qed jaghmlu l-imputati ma jaqax taht id-definizzjoni ta' loghob ta' sogru kif imfisser f'din il-legislazzjoni u l-atti maghmula minnhom ma jikkostitwux ksur ta' din l-**

**Ordinanza li gew akkuzati biha, apparti l-fatt li prova li l-fond *Flames Bar* mhux licenzjat mal-*Gaming Authority* ma ngabitx."**

Minn dan il-bran huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma kinitx qed taghmel xi enuncjazzjoni ta' punt ta' dritt, imma biss apprezzament ta' provi li a bazi taghhom waslet ghall-konkluzjoni fl-ewwel lok li l-appellati ma kinux qed jaghmlu loghob ta' sogru u, fit-tieni lok, li ma ngabitx prova li l-Flames Bar ma kienx licenzjat. Jigifieri l-ewwel Qorti l-ewwel enuncjat tajjeb l-elementi tar-reat, u wara ghaddiet biex tara jekk il-fatti rizultanti setghux jigu applikati ghal dawk l-elementi.

Fuq l-eccezzjoni ta' l-inappellabilita` migjuba mill-appellati, huwa pacifiku fil-gurisprudenza lokali illi taht l-Artikolu 413 (1)(b)(iv)(*i*) tal-Kodici Kriminali ma jistax isir appell mill-Avukat Generali meta s-sentenza appellata tkun bazata fuq apprezzament ta' fatti. Dik id-disposizzjoni tippermetti l-appell, izda, meta l-ewwel Qorti tkun iddikjarat illi fil-fatt ma hemmx l-kostituttivi tar-reat, izda l-kelma 'fatt' hawnhekk ghandha tinftiehem bhala l-fatt "kif migjub fl-akkuza, apparti l-provi," u mhux il-fatt kif jirrizulta mill-provi. Taht l-istess disposizzjoni huwa permess appell lill-Avukat Generali meta l-ewwel Qorti, ghad li tkun dahlet fil-provi u taghmel l-apprezzament taghha dwarhom, pero` meta tigi sabiex tapplika ghalihom id-disposizzjoni tal-ligi, tinterpretaha hazin, ghaliex f'tali kaz ikun hemm ukoll kwistjoni ta' ligi.[1]

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et** deciz fis-16 ta' Dicembru 1998, intqal ukoll :

**"Illi fil-kaz odjern, l-appellant, kif gja` intqal qabel, qed jappella in bazi ghad-disposizzjoni li tippermetti l-appell lill-prosekuzzjoni meta l-ewwel Qorti, minkejja li tkun dahlet fil-provi u ghamlet l-apprezzament taghhom, ghamlet, pero`, enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi. Gja` gie stabbilit minn din il-Qorti aktar qabel li effettivament u kuntrarjament**

---

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

**ghal dak li qed jissottometti l-Avukat Generali, din il-Qorti ma sabet l-ebda enuncjazzjoni hazina jew zbaljata ta' xi punt ta'dritt mill-ewwel Qorti. Dan ifisser ghalhekk li dan it-tieni rekwizit essenzjali sabiex l-Avukat Generali jinghata dritt ta' appell, meta l-ewwel Qorti tkun illiberat in bazi ta' apprezzament ta' fatti, huwa ghal kollox mankanti.**

**"Fil-kaz prezenti, huwa car li l-ewwel Qorti, wara li enuncjat il-punti ta' dritt, ghaddiet sabiex tezamina l-fatti sabiex tara jekk dawk il-fatti, kif pruvati, japplikawx ghal-ligi kif enuncjata minnha korrettament. L-enuncjazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fuq punti ta' dritt hija semplicement dikjarazzjoni ta' l-istat tal-ligi f'dan il-kaz. Kif gie kemm il-darba deciz, u dan bir-ragun kollu, is-semplici applikazzjoni tal-ligi ghall-fatt ma tammontax ghal xi punt ta' dritt. Kieku kellu jkun divers minn hekk, tinholoq sitwazzjoni fejn kull sentenza tkun appellabbli ghaliex f'kull sentenza bilfors issir applikazzjoni tal-ligi. Kif gja` kellha okkazzjoni li tiddeciedi ricentement din l-istess Qorti, kif presjeduta, fl-<u>Appell Kriminali 270/1998 fl-ismijiet Il-Pulizija-vs-Nicholas Cutajar, deciz fil-11 ta'Dicembru, 1998</u>, din l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni tal-ligi, logika u accettabbli, ma ghandhiex tigi znaturata b'mod illi malli f'sentenza tissemma l-ligi, allura jitqies li hemm lok ghall-appell fuq punt ta' dritt, izda ghandha dejjem tinzamm fil-limiti gusti taghha, cioe' fejn, in riferenza ghar-reat addebitat, l-ewwel Qorti tkun esponiet hazin jew b'mod skorrett jew inkomplet il-ligi li tirrigwarda dak ir-reat, u tkun applikat ghall-fatti dik il-ligi minnha skorrettament jew inkompletament enuncjata, haga din li, fi kwalunkwe kaz, ma tirrikorrix affattu fil-procediment odjern. Anzi, f'dan il-kaz, kif gja` qalet din il-Qorti, l-ewwel Qorti enuncjat tajjeb il-ligi. La darba din l-ipotesi kienet sewwa, ghalhekk l-applikazzjoni taghha ghall-fatti partikolari tal-kaz hi biss kwistjoni ta' valutazzjoni tal-provi, cioe` apprezzament ta' fatti, li certament hija haga li mhix sindakabbli minn din il-Qorti. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti dahlet fil-provi, kif ammetta l-istess**

**appellant, u l-enuncjazzjoni tal-ligi minnha maghmula hija korretta, kif stabbiliet din il-Qorti. Ghalhekk, ma hemmx lok ghal indagini ohra minn din il-Qorti, ghaliex diversament ikun qed jigi ammess appell f'kaz car fejn ma hux ammess mil-ligi, u din il-Qorti tkun qed tissindika apprezzament tal-Qorti fuq il-fatti kif jirrizultaw mill-provi, haga li mhix ammessa."**[2]

Dan kollu japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern u ghalhekk u ghar-ragunijiet l-ohra kollha suesposti, il-pregudizzjali ta' l-appellati qeghdin jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Mhix ammessa taht l-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) a bazi ta' liema provvediment qieghed isir dan l-appell, izda llum ammessa taht l-artikolu 413(1)(c).